**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 241**

It-Tnejn, 13 ta’ Mejju 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għall-Finanzi l-Onor. Clyde Caruana kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Rebecca Buttigieg, l-Onor. Eve Borg Bonello, l-Onor. Randolph De Battista u l-Onor. Stephen Spiteri kienu skużati.

L-Onor. Chris Fearne u l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 240 li saret fit-8 ta’ Mejju 2024 kienu kkonfermati.

**KUNSENS GĦALL-ATTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-President ta’ Malta għoġobha tagħti l-Kunsens tagħha għal:

– **Att Nru XVI tal-2024 -** Att tal-2024 fuq Azzjoni dwar il-Klima; u

– **Att Nru XVII tal-2024 -** Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar l-Protezzjoni tal-Ambjent.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 3726 | Rapport tal-parteċipazzjoni tas-Sedja fi żjara uffiċjali f’Nicosia, Ċipru, fl-okkażjoni tal-20 Anniversarju tas-sħubija ta’ Ċipru u ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea, fuq stedina tal-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti ta’ Ċipru, l-E.T. Annita Demetriou, liema żjara saret bejn id-9 u l-11 ta’ Mejju 2024. |

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 17499 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3727 Tabella li turi tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq gazzetti mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali fil-perjodu bejn Jannar u April 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17913;

P.L. 3728 Tagħrif dwar persuni li ngħataw kuntratti ta' fiduċja fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali maqsuma skont l-entità u lista ta' entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18959;

f'isem il-Prim Ministru, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3729 Avviż tal-Att dwar l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u Avviż tal-Att dwar Kunsilli Lokali maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali li dehru fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru 21,232 datata 25 ta' April 2024, li juru l-postijiet tal-votazzjoni għall-eletturi residenti fid-Djar tal-Anzjani fl-elezzjonijiet ta' Ġunju 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19187;

f'isem il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3730 Tabella li turi tagħrif dwar in-nefqa f'reklami fuq gazzetti mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ fil-perjodu bejn Jannar u Marzu 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17914; u

f'isem il-Ministru għall-Finanzi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3731 Avviż Legali Nru 110 tal-2024 − Ordni tal-2024 dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Trasferimenti minn SportMalta.

Il-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3732 Avviż Legali Nru 111 tal-2024 – Regoli tal-2024 dwar Area ta' Reġistrazzjoni Obbligatorja u Reġistrazzjoni Volontarja.

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Chris Bonett, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3733 Estratt minn Kapitlu 7 tal-Policy and Guidelines tal-Permanent Traffic Management, Parking, irrevedut minn Transport Malta f'Lulju 2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19084.

**KONDOLJANZI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali l-Onor. Owen Bonnici, f'ismu u f'isem in-naħa tal-Gvern, u l-Whip tal-Oppożizzjoni l-Onor. Robert Cutajar, f'ismu u f'isem in-naħa tal-Oppożizzjoni, tkellmu dwar il-mewt tas-Sur Noel Cachia, missier l-Onor. Naomi Cachia, li ġrat fit-6 ta' Mejju 2024, u taw il-kondoljanzi lill-familjari tagħha.

L-Onor. Naomi Cachia rringrazzjat lill-Kamra għas-sentimenti murija.

L-Ispeaker ingħaqad maż-żewġ naħat tal-Kamra fis-sentimenti espressi u talab lill-Iskrivan tal-Kamra biex twassal il-kondoljanzi lill-familja tal-Onor. Cachia.

**PUNT IMQAJJEM MINN ONOR. MEMBRU TAL-KAMRA**

L-Onor. Graziella Galea ġibdet l-attenzjoni tas-Sedja illi fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 19044, il-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika, l-Onor. Clayton Bartolo, indika li d-dokumenti relatati ma' tender li ntalbet kopja tagħhom, kienu pubbliċi u naqas milli jpoġġihom fuq il-Mejda tal-Kamra.

L-Ispeaker qal illi kien ser jagħti direzzjoni dwar dan fi stadju ulterjuri.

**AĠĠORNAMENT TAL-KAMRA TAĦT L-ORDNI PERMANENTI NRU 13**

Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech talab il-permess tal-Kamra sabiex iressaq l-aġġornament tal-Kamra taħt l-Ordni Permanenti Nru 13 sabiex tiddiskuti n-nuqqas ta' riżenja jew it-tkeċċija tal-Eks Ministru għall-Finanzi l-Onor. Edward Scicluna minn Gvernatur tal-Bank Ċentrali u tas-Sur Ronald Mizzi minn Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni ssottometta dikjarazzjoni dwar dan lill-Ispeaker.

Fil-4.57 p.m. il-Kamra kienet sospiża sabiex l-Ispeaker jagħti ruling.

Fis-6.42 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Ispeaker ta ruling li din il-mozzjoni ma kinitx tissodisfa l-kweżiti tal-Ordni Permanenti 13 u għalhekk it-talba kienet qiegħda tiġi miċħuda.

**MOZZJONIJIET**

**ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TAL-AWTORITÀ DWAR IL-PROTEZZJONI TA' EMBRIJUNI GĦAS-SENA FINANZJARJA 2024 - MOZZJONI 237**

Il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, ippropona:

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar il-Protezzjoni ta' Embrijuni għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024, skont l-Att dwar il-Protezzjoni ta' Embrijuni, Kap. 524.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li d-diskussjoni fuq din il-mozzjoni kellha tieħu seduta waħda bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-introduzzjoni u l-għeluq mill-Gvern.

**FTEHIM TAL-KAMRA**

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona li peress li kien fadal biss ftit minuti sal-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol, id-diskussjoni fuq l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar il-Protezzjoni ta' Embrijuni għas-sena finanzjarja 2024 titkompla fis-seduta tal-għada.

Il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar, ikkonferma l-qbil min-naħa tal-Oppożizzjoni dwar dan l-arranġament.

Fid-diskussjoni fuq il-Mozzjoni dwar l-Estimi tad-Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni għas-sena 2024 ħa sehem l-Onor. Jo Etienne Abela.

**TALBA GĦAL RULING**

Il-Whip tal-Oppożizzjoni l-Onor. Robert Cutajar ġibed l-attenzjoni tas-Sedja li Membru min-naħa tal-Gvern kien ġibed filmati bil-mobile waqt is-seduta u talab lis-Sedja tinvestiga.

L-Ispeaker qal li kien ser jagħti ruling fi stadju ulterjuri.

Fis-7.00 p.m. l-Onor. Jo Etienne Abela baqa' in possession u d-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 14 ta' Mejju 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Mozzjonijiet**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Identità tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru u l-Karatteristiċi tas-Sess, Kap. 540, u sabiex jipprovdi għal emendi konsegwenzjali oħrajn".

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji | Tielet Qari |
| Estimi tal-Awtorità dwar il-Protezzjoni ta' Embrijuni għas-sena 2024 | Kontinwazzjoni |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar it-Twaqqif ta’ Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta’ Miżuri għall-Ħarsien ta’ Ġurnalisti, Persuni oħra b’irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta’ Ġeneru u Vjolenza Domestika | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar l-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati | Tielet Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Tielet Qari |

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta’ Malta | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Bernice Bonello u mill-Onor. Albert Buttigieg.

Fis-7.26 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 14 ta’ Mejju 2024, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**